

# Lil Marija Bambina

## *Sunett ta' Mons. Ġużeppi Farrugia*

**Patri Dijonisju Mintoff**

Dan huwa sunett li jiena għażiltilkom għall-ktejjeb tal-festa għal din is-sena meħud mill-"Messaġġier ta' Marija".

**"MARIJA BAMBINA"**

X'għaxqa, xi ġmiel, xi ħlewwa ta' tarbija!
Fommha tal-għasel, lewn il-qroll xofftejha,
Nisel il-warda ż-żewġ ħaddejn mimlija,
Żoroq bħas-sema u sbieħ bħax-xemx għajnejha.

Tassew li bħalha qatt ma ħlaqt, Mulejja,
Mkien ieħor ma xerridt daqstant sbuħija,
Is-sema, il-baħar, l-art xejn mhuma ħdejha,
Kulma sabiħ hemm fihom, ġbartu Fiha.

Lilha żejjint bid-doni tan-natura,
Għax ridtha tal-ħolqien tkun is-Sinjura.
Imma biex kemm int kbir tassew turina,

Bil-grazzja mlejtha u kabbartilha ż-żina.
Mħabba Ġesù li kellu joħroġ minnha,
Ridt wara ġmielek, l'hi b'ġmielha ġġenninna.

**Mons. Ġużeppi Farrugia**
1-9-1948



Lil Marija Bambina

X' għaxqa, xi ġmiel, xi ħlewwa ta' tarbija!
Fommha tal-għasel, lewn il-qroll xofftejha,
Nisel il-warda ż-żewġ ħaddejn mimlija,
Żoroq bħas-sema u sbieħ bħax-xemx għajnejha.

Tassew li bħalha qatt ma ħlaqt, Mulejja,
Mkien ieħor ma xerridt daqstant sbuħija:
Is-sema, il-baħar, l-art xejn mhuma ħdejha,
Kulma sabiħ hemm fihom, ġbartu fiha.

Lilha żejjint bid-doni tan-natura,
Għax ridtha tal-ħolqien tkun is-Sinjura.
Imma biex kemm int kbir tassew turina,

Bil-grazzja mlejtha u kabbartilha ż-żina.
Mħabba Ġesù li kellu joħroġ minnha,
Ridt wara ġmielek, l'hi b'ġmielha ġġenninna.

Kopja tat-test oriġinali miktub minn Mons. Ġużeppi Farrugia



## *Biografija*

# Mons. Giuseppe Farrugia

## *(1887-1969)*

Twieled fil-Belt Victoria, Għawdex, fl-20 ta' Jannar, 1887; ordnat saċerdot (1912); serva f'Salonika bħala kappillan militari fl-Ewwel Gwerra l-Kbira (1914-18); għalliem għal ħafna snin tal-Latin u t-Taljan fil-Liċeo u fis-Seminarju t'Għawdex, u baqa' magħruf bħala 'is-surmast' (1920); Biblijotekarju tal-Librerija Pubblika, Għawdex (1939-45); maħtur Monsinjur tal-Katidral (1946) u Lettur fl-istess knisja (1946); predikatur